Nru. 18,171
Prezz/Price
€2.24 (Lm0.96)

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 8 ta' Jannar, 2008
Tuesday, 8th January, 2008

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 7

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nru. 18,170 tal-4 ta' Jannar, 2008.

A.L. Nru. 1 ta' l-2008: Att dwar il-Karti ta' l-Identità (Kap. 258); Regolamenti ta' l-2008 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ħruġ u Validità ta' Karti ta' l-Identità.

A.L. Nru. 2 ta' l-2008: Att dwar il-Ħarsien ta' l-Ambjent (Kap. 435); Regolamenti ta' l-2008 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Limitazzjonijiet ta' Ħruġ fl-Arja ta' xi Sustanzi li Jniġġsu minn Impjanti Kbar tal-Kombustjoni.

A.L. Nru. 3 ta' l-2008: Att dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta (Kap. 352); Regolamenti ta' l-2008 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Sigurtà fil-Portijiet.

It-8 ta' Jannar, 2008

GOVERNMENT NOTICES

No. 7

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette No. 18,170 of the 4th January, 2008.

L.N. No. 1 of 2008: Identity Card Act (Cap. 258); Identity Cards (Issue and Validity) (Amendment) Regulations, 2008.

L.N. No. 2 of 2008: Environment Protection Act (Cap. 435); Limitations of Emissions of Certain Pollutants into the Air from Large Combustion Plants (Amendment) Regulations, 2008.

L.N. No. 3 of 2008: Malta Maritime Authority Act (Cap. 352); Ports Security (Amendment) Regulations, 2008.

8th January, 2008

Nru. 8

FORZI ARMATI TA' MALTA (FORZA REGOLARI)

IL-PRESIDENT ta' Malta għoġbu japprova l-għotja ta' promozzjoni fir-*rank* ta' Kaptan fil-Forzi Armati ta' Malta (Forza Regolari), lil Lt J.I. Borg b'seħħ mit-13 ta' Jannar, 2008.

It-8 ta' Jannar, 2008

No. 8

ARMED FORCES OF MALTA (REGULAR FORCE)

THE President of Malta has been pleased to approve the grant of a promotion to the rank of Captain in the Armed Forces of Malta (Regular Force) to Lt J.I. Borg with effect from the 13th January, 2008.

8th January, 2008

Nru. 9

ĦATRA FL-ORDNI NAZZJONALI TAL-MERITU

SKOND l-Artikolu 22 ta' l-Att dwar Ġieħ ir-Repubblika (Kap. 251), u skond ir-Regola 3 tar-Regoli ta' l-1990 dwar Unuri, Għotjiet u Dekorazzjonijiet, il-Kanċillier ta' l-Ordnijiet Maltin b'din jgħarraf illi Dott. Rui Carlos Pereira, Ministru għall-Amministrazzjoni Interna tar-Repubblika Portugiża, inħatar Membru Onorarju ta' l-Ordni Nazzjonali tal-Meritu fil-grad ta' Kumpann bl-Istilla.

It-28 ta' Diċembru, 2007
OPM 345/1989/V

No. 9

APPOINTMENT TO THE NATIONAL ORDER OF MERIT

In terms of Section 22 of the Ġieħ ir-Repubblika Act (Cap. 251), and in accordance with Rule 3 of the Rules for Honours, Awards and Decorations 1990, the Chancellor of the Maltese Orders hereby notifies that Dr Rui Carlos Pereira, Minister for Internal Administration of the Portuguese Republic, has been appointed Honorary Member of the The National Order of Merit in the grade of Companion with Breast Star.

28th December, 2007

Nru. 10

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR (PASSAPORTI U REĠISTRAZZJONI ĊIVILI) U AĠENT DIRETTUR (REĠISTRU PUBBLIKU)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Ġustizzja u l-Intern approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

No. 10

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR (PASSPORT AND CIVIL REGISTRATION) AND ACTING DIRECTOR (PUBLIC REGISTRY)

THE Permanent Secretary in the Ministry for Justice and Home Affairs has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POŻIZZJONI *POSITION*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Mr Carmel Abela	Aġent Direttur (Passaporti u Reġistrazzjoni Ċivili u Aġent Direttur (Reġistru Pubbliku) *Acting Director (Passport and Civil Registration) and Acting Director (Public Registry)*	Passaporti u Reġistrazzjoni Ċivili u Reġistru Pubbliku *Passports and Civil Registration and Public Registry*	08.01.2007-09.01.2008

It-8 ta' Jannar, 2008

8th January, 2008

Nru. 11

ATT DWAR L-AFFARIJIET TAL-KONSUMATURI (KAP. 378)

Ħatra ta' Segretarju tat-Tribunal għal Talbiet ta' Konsumaturi

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd li bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu 26 (4) ta' l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumaturi, u għall-finijiet ta' dak l-Att, il-Ministru għall-Kompetittività u Komunikazzjoni approva l-ħatra tas-Sur Charles Grixti bħala Segretarju tat-Tribunal għal Talbiet ta' Konsumaturi.

It-8 ta' Jannar, 2008

No. 11

CONSUMER AFFAIRS ACT (CAP. 378)

Appointment of Secretary of the Consumer Claims Tribunal

IT is hereby notified for general information that in exercise of the powers conferred by Article 26 (4) of the Consumer Affairs Act, and for the purpose of that Act, the Minister for Competitiveness and Communications has approved the appointment of Mr Charles Grixti as Secretary of the Consumer Claims Tribunal.

8th January, 2008

Nru. 12

AVVIŻ GĦALL-GĦANIJIET TA' L-ATT TA' L-1996 DWAR GWARDJANI PRIVATI U LOKALI (KAP. 389)

IL-KUMMISSARJU tal-Pulizija, skond l-artikoli 7 u 8 ta' l-Att dwar Gwardjani Privati u Lokali, b'din jgħarraf li rċieva dawn l-applikazzjonijiet kif imsemmija hawn taħt:

No. 12

NOTICE IN TERMS OF THE PRIVATE GUARDS AND LOCAL WARDENS ACT (CAP. 389)

THE Commissioner of Police, in terms of sections 7 and 8 of the Private Guards and Local Wardens Act, hereby notifies that the following applications as mentioned hereunder have been received:

Applikazzjoni għal-liċenza bħala Gwardjani Lokali
Application for licence of a Local Warden

Isem u kunjom *Name and Surname*	Nru. tal-Karta ta' l-Identità *Identity Card No.*	Indirizz *Address*
Therron Aquilina	129189 (M)	"Velvet Rose", Triq il-Kan. Karmenu Pirotta, Birkirkara
Valerie Deguara	427567 (M)	"Croeso", Triq Lazzru Pisani, Siġġiewi
Joanne Said	112274 (M)	81, Triq Carlo Manchè, Gżira

Applikazzjoni għal-liċenza bħala Gwardjani Privati
Application for licence of a Private Guard

Isem u kunjom *Name and Surname*	Nru. tal-Karta ta' l-Identità *Identity Card No.*	Indirizz *Address*
Janet Sultana	165673 (M)	140, Flat 6, Triq San Nikola, Valletta
Kevin Camilleri	24183 (M)	"St Catherine", Triq it-Torri, Bubaqra, Żurrieq
Emanuel Scicluna	49381 (M)	70, "Annuel", Triq San Benedittu, Kirkop
Alexander Sciberras	165484 (M)	"Ġiżimina", Triq il-Kappuċċini, Żabbar
David Mercieca	235388 (M)	19, Triq San Nikola, Għargħur
Michael Xuereb	48552 (M)	83, "Ta' Loretu", Triq Rinella, Kalkara
Edward Pomorski	259782 (M)	"Indian Sunset", Triq il-Milwa, Għaxaq
Dillon Abela	142582 (M)	Blokk Ċ, Flat 3, Triq it-Tarzna, Isla
Mark Galea	103389 (M)	88, "Albatross", Triq il-Vitorja, Qormi
Adrian Buhagiar	467077 (M)	128, Triq Blanche Huber, Sliema
Charlene Cachia	124389 (M)	57, "Arc-En-Ciel", Triq il-Bronja, Żurrieq

Kull persuna tista', fi żmien xahar mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż, toġġezzjona bil-miktub lill-Kummissarju dwar il-ħruġ ta' dawn il-liċenzi għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 10 ta' l-Att dwar Gwardjani Privati u Lokali, li huma:

(a) meta l-applikant jew xi uffiċjali ta' l-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu pprovduti mill-applikant.

(i) tkun instabet ħatja f'Malta jew x'imkien ieħor ta' xi delitt kontra s-sigurtà ta' l-istat, jew ta' xi offiża volontarja fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra proprjetà jew kontra l-fiduċja pubblika jew ta' xi delitt gravi ieħor; jew

(ii) tkun iddikjarata falluta jew meta l-qagħda finanzjarja tagħha tkun prekarja jew xort' oħra tagħmel lill-applikant mhux adattat; jew

(iii) tkun tkeċċiet mill-pulizija jew mill-forzi armati jew mis-servizz tal-ħabs minħabba xi reat jew xi nuqqas ieħor fl-imġiba; jew

(iv) tkun uffiċjal pubbliku jew membru tal-Pulizija jew tal-forzi armati jew tas-servizz tal-ħabs; jew

(b) dwar xi tagħrif li jkun ta' interess pubbliku; jew

(ċ) meta l-applikant ma jkollux il-kwalifiki meħtieġa kif jista' jkun preskritt bl-Att jew taħtu.

It-8 ta' Jannar, 2008

Any person may, within one month from the publication of this notice, object in writing to the Commissioner about the issue of the above licences on any of the grounds listed in section 10 of the Private Guards and Local Wardens Act, which are:

(a) where the applicant or any officer of the applicant or any person who has an effective control of the services to be provided by the applicant.

(i) has been convicted in Malta or elsewhere of any crime against the safety of the state, or of any crime of voluntary harm or injury to any person or any crime against property or public trust or any other serious crime; or

(ii) has been declared bankrupt or his financial position is precarious or otherwise renders the applicant unsuitable; or

(iii) has been discharged from the police or armed forces or the prison services because of any offence or other misbehaviour; or

(iv) is a public officer or a member of the police or armed forces or the prison services; or

(b) when information is available which is in the public interest; or

(c) where the applicant does not possess the necessary qualifications as may be prescribed by or under the Act.

8th January, 2008

Nru. 13

UFFIĊĊJU GĦALL-KOMPETIZZJONI ĠUSTA

Notifikazzjoni ta' Konċentrazzjoni

Id-Direttur ta' l-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni Ġusta, skond ir-regolament 5(4) tar-Regolamenti tal-2002 dwar il-Kontroll ta' Konċentrazzjonijiet ippubblikati fl-Avviż Legali 294 tal-2002 jgħarraf għall-informazzjoni ta' kulħadd illi saret u ġiet aċċettata nhar il-Ġimgħa, 21 ta' Diċembru 2007 in-notifikazzjoni tal-konċentrazzjoni bejn G4S Security Services Limited u ISECURE Limited.

Il-konċentrazzjoni hija akkwist minn G4S Security Services Limited ta' kontroll dirett ta' intrapriża oħra, ISECURE Limited.

Is-settur ekonomiku affettwat huwa ta' servizzi ta' *manned guarding* u *mobile patrol*, u stallazzjoni u manutenzjoni ta' servizzi ta' IT.

Id-Direttur jistieden lil terzi interessati biex jissottomettu l-osservazzjonijiet tagħhom bil-miktub għall-konċentrazzjoni notifikata.

No. 13

OFFICE FOR FAIR COMPETITION

Notification of Concentration

The Director of the Office for Fair Competition, in terms of regulation 5(4) of Regulations on Control of Concentrations, 2002 published in the Legal Notice 294 of 2002 notifies for general information that the notification of a concentration between G4S Security Services Limited and ISECURE Limited was filed and accepted on Friday 21 December 2007.

The nature of the concentration is the acquisition by G4S Security Services Limited of direct control of another undertaking, ISECURE Limited.

The economic sector affected is that of manned guarding and mobile patrol services, and, installation and maintenance of IT systems.

The Director invites interested third parties to submit their observations on the notified concentration.

Tali osservazzjonijiet għandhom jaslu lill-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni Ġusta fi żmien sebat ijiem mill-pubblikazzjoni ta' din in-Notifikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern f'dan l-indirizz:

Diviżjoni tal-Konsumatur u Kompetizzjoni,
Uffiċċju għall-Kummerċ Ġust,
Triq il-Kanun,
Sta Venera CMR02,
Malta

Il-31 ta' Diċembru, 2007

Such observations should reach the Office for Fair Competition within seven days following publication of this Notification in the Government Gazette to:

Consumer and Competition Division,
Office for Fair Trading,
Triq il-Kanun,
Sta.Venera CMR02,
Malta

31st December, 2007

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 1 ta' l-2008

Lista Miġbura ta' l-Avviżi ta' l-Awtorità Marittima ta' Malta

L-Awtorità Marittima ta' Malta tgħarraf illi l-avviżi ta' l-Awtorità Marittima ta' Malta li ġejjin għadhom fis-seħħ:

1. Avviż lill-Baħħara Nru. 27 ta' l-1995 dwar:

Tneħħija ta' rmiġġi minn Xatt il-Barriera fil-Port il-Kbir, Malta.

2. Avviż lill-Baħħara Nru. 24 ta' l-1996 dwar:

Irmiġġi fil-Bajja ta' San Ġorġ, Birżebbuġa.

3. Avviż lill-Baħħara Nru. 9 ta' l-2001 dwar:

Manuvrar ta' Inġenji Żgħar f'Portijiet Maltin.

4. Avviż lill-Baħħara Nru. 59 ta' l-2003 dwar:

Informazzjoni u Xandir ta' Avviżi lill-Baħħara.

5. Avviż lill-Baħħara Nru. 39 ta' l-2004 dwar:

Użu mhux awtorizzat ta' *marker buoys* f'Żoni għall-Għawwiema.

6. Avviż lill-Baħħara Nru. 47 ta' l-2004 dwar:

Regolamenti dwar Irmiġġi ta' Bastimenti u Dgħajjes Żgħar.

7. Avviż lill-Baħħara Nru. 2 ta' l-2005 dwar:

Sparar b'armi tan-nar żgħar fir-*Ranges* ta' Pembroke.

8. Avviż lill-Baħħara Nru. 21 ta' l-2005 dwar:

Projbizzjoni ta' għawm fil-Port taċ-Ċirkewwa.

It-8 ta' Jannar, 2008

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 1 of 2008

Cumulative List of Notices of the Malta Maritime Authority

The Malta Maritime Authority notifies that the following notices of the Malta Maritime Authority are still in force.

1. Notice to Mariners No. 27 of 1995 regarding:

Removal of moorings off Barriera Wharf in Grand Harbour, Malta.

2. Notice to Mariners No. 24 of 1996 regarding:

Moorings in St. George's Bay, Birżebbugia

3. Notice to Mariners No. 9 of 2001 regarding:

Conduct of Small Craft inside Maltese Harbours

4. Notice to Mariners No. 59 of 2003 regarding:

Information and Promulgation of Notices to Mariners.

5. Notice to Mariners No. 39 of 2004 regarding:

Unauthorised use of marker buoys at swimmer zones.

6. Notice to Mariners No. 47 of 2004 regarding:

Moorings of Small Ships and Boats Regulations

7. Notice to Mariners No. 2 of 2005 regarding:

Small arms firing at Pembroke Ranges.

8. Notice to Mariners No. 21 of 2005 regarding:

Prohibition of swimming at Ċirkewwa Harbour.

8th January, 2008

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 2 ta' l-2008

Survey ta' Qiegħ il-Baħar fil-Port ta' Marsaxlokk

L-Awtorità Marittima ta' Malta tgħarraf lill-baħħara kollha illi se ssir *Survey* ta' qiegħ il-baħar fil-Port ta' Marsaxlokk kif muri fiċ-*chart* ġewwa x-*shaded area* fuq il-*website* ta' l-Awtorità:

http://www.mma.gov.mt/notices_mariners.asp

Ix-xogħol għandu jibda nhar it-Tnejn, l-10 ta' Jannar, 2008, fit-8.00 a.m. u għandu jsir mid-dgħajsa MV Isis. Jekk it-temp jippermetti, is-*survey* għandha ddum ġimgħa.

Il-baħħara huma avżati biex ibaħħru b'attenzjoni u bil-mod meta jkunu qrib l-inħawi msemmija fid-dati u l-ħinijiet imsemmija. Huma għandhom jobdu l-ordnijiet mogħtija mill-Marsaxlokk Port Control, VHF Channel 14.

Chart affettwata: BA Chart 36.

It-8 ta' Jannar, 2008

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 2 of 2008

Marine Survey at Marsaxlokk Harbour

The Malta Maritime Authority notifies all mariners that a marine survey will be carried out at Marsaxlokk Harbour as per chart inside the shaded area shown on the Authority's website:

http://www.mma.gov.mt/notices_mariners.asp

The work is scheduled to start on Thursday, 10th January, 2008, at 8.00 a.m. and will be carried out from the boat MV Isis. Weather permitting, the survey will last for one (1) week.

Mariners are advised to navigate with caution and slow speed when in the vicinity of the above-mentioned area on the mentioned dates and times. They are to obey instructions as given out by Marsaxlokk Port Control, VHF Channel 14.

Chart affected: BA Chart 36.

8th January, 2008

AWTORITÀ DWAR IT-TRASPORT TA' MALTA

L-Awtorità Dwar it-Trasport ta' Malta tgħarraf illi:

Tas-Sliema

Minħabba xogħlijiet ta' trinek, Triq it-Torri, minn kantuniera ma' Triq Tignè sa kantuniera ma' Triq ix-Xatt ta' Tignè, se tkun miftuħa għat-traffiku f'direzzjoni waħda fid-direzzjoni ta' Għar id-Dud sas-Sibt, it-12 ta' Jannar, 2008 fit-3.00 p.m.

L-ipparkjar fit-triq ma jkunx permess matul Triq Sant' Antnin minn kantuniera ma' Triq Tignè sa kantuniera ma' Triq ix-Xatt sa Qui-Si-Sana sas-Sibt, it-12 ta' Jannar, 2008 fit-3.00 p.m.

Għalhekk, l-iskema ta' tmexxija tat-traffiku li ġejja se tiġi implimentata sakemm idum ix-xogħol:

Vetturi u Trasport Pubbliku minn Triq it-Torri fid-direzzjoni lejn ix-Xatt ta' Tas-Sliema se jiddawwru għal Triq ix-Xatt ta' Qui-Si-Sana, Triq Locker, Triq San Antnin u Triq ix-Xatt ta' Tignè.

Vetturi u Trasport Pubbliku mix-Xatt ta' Tas-Sliema fid-direzzjoni lejn San Ġiljan mhux se jkunu affettwati.

Sewwieqa huma avżati jsuqu bl-attenzjoni.

MALTA TRANSPORT AUTHORITY

The Malta Transport Authority notifies that:

Sliema

Due to trenching works, Tower Road, from corner with Tignè Street up to corner with Triq ix-Xatt ta' Tignè, will be open to one-way traffic in the direction towards Għar id-Dud up to Saturday, 12th January, 2008 at 3.00 p.m.

On street parking will not be permitted along Triq Sant' Antnin from corner with Triq Tignè up to corner with Triq ix-Xatt ta' Qui-Si-Sana up to Saturday, 12th January, 2008 at 3.00 p.m.

To this end, the following traffic management scheme will be implemented for the duration of the works:

Vehicular traffic and Public Transport from Tower Road in the direction towards The Strand Sliema will be diverted to Triq ix Xatt ta' Qui-Si-Sana, Triq Locker, Triq San Antnin and Triq ix-Xatt ta' Tignè.

Vehicular traffic and Public Transport from The Strand Sliema in the direction towards St. Julians will not be effected.

Motorists are advised to proceed with caution.

L-Imsida

Minn nhar l-Erbgħa, id-9 ta' Jannar, 2008, Rue d'Argens mill-*junction* ma' Misraħ il-Menqa sal-*junction* ma' Triq Sant' Antnin se tkun magħluq għat-traffiku minħabba tqegħid ta' katusi mill-Waste Water Services Limited.

Għalhekk, qed tkun implimentata l-iskema ta' traffiku li ġejja sakemm idumu x-xogħlijiet (madwar 11-il ġimgħa):

Ix-Xatt ta' Ta' Xbiex minn kantuniera ma' Misraħ il-Menqa sa kantuniera ma' Triq Abate Rigord se tkun miftuħa għat-traffiku tal-vetturi miż-żewġ naħat.

Triq Abate Rigord minn kantuniera mix-Xatt ta' Ta' Xbiex sa kantuniera ma' Triq il-Prinċipessa Margerita se tkun miftuħa għat-traffiku tal-vetturi miż-żewġ naħat.

Triq Abate Rigord minn kantuniera ma' Triq il-Qoton sa kantuniera ma' Triq il-Prinċipessa Margerita se tkun miftuħa għat-traffiku tal-vetturi minn naħa waħda fid-direzzjoni ta' Triq il-Prinċipessa Margerita.

Triq Testaferrata minn kantuniera ma' Triq il-Prinċipessa Margerita sa kantuniera ma' Triq Giorgio Mitrovich se tkun miftuħa għat-traffiku minn naħa waħda lejn il-Gżira.

Rue D'Argens minn kantuniera ma' Triq il-Prinċipessa Margerita sa kantuniera ma' Triq l-Imsida se tkun miftuħa għat-traffiku minn naħa waħda lejn il-Gżira.

Triq Antonio Sciortino minn kantuniera ma' Triq il-Prinċipessa Margerita sa kantuniera ma' Triq il-Makna tas-Serrar se tkun miftuħa għat-traffiku minn naħa waħda kontra kif kienet lejn Triq il-Makna tas-Serrar.

Triq il-Ġdida minn kantuniera ma' Rue D'Argens sa kantuniera ma' Triq Johnny Catania se tkun miftuħa għat-traffiku minn naħa waħda kontra kif kienet lejn Triq Johnny Catania.

Triq il-Makna tas-Serrar minn kantuniera ma' Triq Johnny Catania sa kantuniera ma' Rue D'Argens se tkun miftuħa għat-traffiku minn naħa waħda kontra kif kienet lejn Rue D'Argens.

Aċċess għax-Xatt ta' Ta' Xbiex se jkun permess biss minn Triq il-Monsinjur Dandria. Ma jkunx permess aċċess għax-Xatt ta' Ta' Xbiex waqt il-ħinijiet li l-aktar jgħaddi traffiku.

Ma jkunx permess aċċess Triq Monsinjur Falzon u Triq Antonio Sciortino sax-Xatt ta' Ta' Xbiex.

Se jitwaħħlu sinjali ta' pparkjar bil-ħin matul Triq ix-Xatt ta' Tax-Xbiex minn Triq Antonio Bosio sa Triq Antonio

Msida

From Wednesday 9th January, 2008, Rue d'Argens from junction with Misraħ il-Menqa up to junction with Triq Sant' Antnin will be closed to vehicular traffic due to the laying of mains by Waste Water Services Limited.

To this end, the following traffic management scheme is being implemented for the duration of the works (approximately 11 weeks):

Ix-Xatt ta' Ta' Xbiex from corner with Misraħ il-Menqa up to corner with Triq Abate Rigord will be open to two way vehicular traffic.

Triq Abate Rigord from corner with Ix-Xatt ta' Ta' Xbiex up to corner with Triq il-Prinċipessa Margerita will be open to two way vehicular traffic.

Triq Abate Rigord from corner with Triq il-Qoton up to corner with Triq il-Prinċipessa Margerita will be one way to vehicular traffic in the direction of Triq il-Prinċipessa Margerita.

Triq Testaferrata from corner with Triq il-Prinċipessa Margerita up to corner with Triq Giorgio Mitrovich will be one way to vehicular traffic towards Gżira.

Rue D'Argens from corner with Triq il-Prinċipessa Margerita up to corner with Triq l-Imsida will be one way to vehicular traffic towards Gżira.

Triq Antonio Sciortino from corner with Triq il-Prinċipessa Margerita up to corner with Triq il-Makna tas-Serrar will have the one way system reversed towards Triq il-Makna tas-Serrar.

Triq il-Gdida from corner with Rue D'Argens up to corner with Triq Johnny Catania will have the one way system reversed towards Triq Johnny Catania.

Triq il-Makna tas-Serrar from corner with Triq Johnny Catania up to corner with Rue D'Argens will have the one way system reversed towards Rue D'Argens.

Access to Ix-Xatt ta' Ta' Xbiex will only be permitted from Triq il-Monsinjur Dandria. No access to ix-Xatt ta' Ta' Xbiex will be permitted during peak hours.

No access will be permitted from Triq Monsinjur Falzon and Triq Antonio Sciortino onto ix-Xatt ta' Ta' Xbiex.

Timed Parking Signs will be installed along Triq ix-Xatt Ta' Tax-Xbiex from Triq Antonio Bosio up to Triq Antonio

Sciortino. (Ipparkjar ta' siegħa bejn it-8.00 a.m. sas-6.00 p.m., ipparkjar ta' sagħtejn bil-ħin għar-residenti bejn it-8.00 a.m. sas-6.00 p.m.

Għandu jitneħħa l-ipparkjar fit-triq matul ix-xogħlijiet kif ġej:

Minn Misraħ il-Menqa sa Misraħ San Ġużepp.

Mix-Xatt ta' Ta' Xbiex (in-naħa tal-baħar) minn kantuniera ma' Rue D'Argens sa kantuniera ma' Triq Abate Rigord.

Minn Triq Abate Rigord (san-naħa tax-xellug tat-triq lejn Valletta) minn kantuniera max-Xatt ta' Ta' Xbiex sa kantuniera ma' Triq l-Imradd.

Seba' (7) *parking bays* minn Triq il-Prinċipessa Margerita sa kantuniera ma' Triq Giuseppe Calì lejn Triq Abate Rigord.

Traffiku ta' vetturi u trasport pubbliku se jiddawru kif ġej:

Minn Misraħ il-Menqa fid-direzzjoni tal-Gżira/Sliema se jiddawwar lejn ix-Xatt ta' Ta' Xbiex, Triq Abate Rigord Triq il-Prinċipessa Margerita u Triq Testaferrata jew Rue D'Argens.

Traffiku ta' vetturi u trasport pubbliku minn Rue D'Argens fid-direzzjoni lejn l-Imsida se jiddawwar lejn Triq l-Imsida u Triq Abate Rigord.

Traffiku ta' vetturi minn Triq Testaferrata fid-direzzjoni lejn Triq il-Prinċipessa Margerita se jiddawwar lejn Triq Giorgio Mitrovich, Triq Giuseppe Calì u Triq Abate Rigord.

Traffiku ta' vetturi mix-Xatt ta' Ta' Xbiex fid-direzzjoni lejn Triq Abate Rigord ma jitħalliex jidħol lejn il-Yacht Marina f'Ta' Xbiex.

Traffiku ta' vetturi ġejjin minn Triq Abate Rigord fid-direzzjoni lejn ix-Xatt ta' Ta' Xbiex u l-Yacht Marina mhux se jkun affettwat.

Traffiku ta' vetturi mix-Xatt tal-Gżira fid-direzzjoni lejn Valletta mhux se jkun affettwat.

Sewwieqa huma avżati jsuqu bl-attenzjoni.

It-8 ta' Jannar, 2008

Sciortino. (1hour parking between 8.00 a.m. to 6.00 p.m., 2hour timed parking for residents between 8.00 a.m. to 6.00 p.m.

On street parking to be removed during works is as follows:

From Misraħ il-Menqa up to Misraħ San Gużepp.

From Ix-Xatt ta' Ta' Xbiex (seaside side) from corner with Rue D'Argens up to corner with Triq Abate Rigord.

From Triq Abate Rigord (on the left hand side of the road going towards Valletta) from corner with Ix-Xatt ta' Ta' Xbiex up to corner with Triq l-Imradd.

Seven (7) parking bays from Triq il-Prinċipessa Margerita from corner with Triq Giuseppe Calì towards Triq Abate Rigord.

Vehicular traffic and Public Transport will be diverted as follows:

From Misraħ il-Menqa in the direction of Gzira/Sliema will be diverted to Ix-Xatt ta' Ta' Xbiex, Triq Abate Rigord Triq il-Principessa Margerita and Triq Testaferrata or Rue D'Argens.

Vehicular traffic and Public Transport from Rue D'Argens in the direction towards Msida will be diverted to Triq l-Imsida and Triq Abate Rigord.

Vehicular traffic from Triq Testaferrata in the direction towards Triq il-Principessa Margerita will be diverted to Triq Giorgio Mitrovich, Triq Giuzeppe Calì and Triq Abate Rigord.

Vehicular traffic from Ix-Xatt ta' Ta' Xbiex in the direction towards Triq Abate Rigord will not be permitted to access towards Ta' Xbiex Yacht Marina.

Vehicular traffic from Triq Abate Rigord in the direction towards Ix-Xatt ta' Ta' Xbiex and the Yacht Marina will remain uneffeced.

Vehicular traffic coming from Ix-Xatt tal-Gżira in the direction towards Valletta will remain uneffected.

Motorists are advised to proceed with caution.

8th January, 2008

OĠĠETTI MISJUBA U KKONSENJATI LILL-PULIZIJA

Din li ġejja hija lista ta' oġġetti misjuba u kkonsenjati lill-Pulizija f'Malta u Għawdex skond l-artikolu 564 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16.

Uffiċċju Prinċipali tal-Pulizija
Il-Furjana.

John Rizzo
Kummissarju tal-Pulizija.

Lista ta' oġġetti misjuba u kkonsenjati lill-Pulizija f'Malta u Għawdex matul il-perjodu Lulju, Awissu u Settembru 2007.

DATA	DESKRIZZJONI TA' L-OĠĠETTI	ISEM TA' MIN SAB L-OĠĠETTI
02.07.07	Arloġġ ta' l-idejn	Victor Mario Herrera
06.07.07	*Mobile phone*	Anton Quintano
06.07.07	Portmoni/flus/dokumenti personali	Patricia Darmanin
06.07.07	*Mobile phone*	Roderick-Nicholas Busuttil
06.07.07	Flus/ritratti/*cards* personali	Elisabetta Beda
13.07.07	Nuċċali tal-vista	George Parish
13.07.07	*Mobile phone*	Raymond Vella
13.07.07	Kamera tar-ritratti	David Burnett
13.07.07	Basket b'oġġetti personali	Carmela Aquilina
13.07.07	Flus	Theresa Doublet and Josef Secansky
13.07.07	*Mobile phone*	Stefan Buchler
20.07.07	Kartiera/flus	Josette Pace
27.07.07	Kaxxi tal-ġojjelli/*costume jewellery*	Carola Weitze
27.07.07	Brazzuletta	Alfreda Saliba
27.07.07	*Mobile phone*	Johnsson Magnus
27.07.07	*Mobile phone*	PC 446 J. Mifsud
27.07.07	Flus	Victoria Borg
03.08.07	Kamera tar-ritratti	Arthur Muscat
03.08.07	Mejda	Joseph Agius
03.08.07	Portmoni/flus	Judith Ferriggi
10.08.07	Flus	Paul Spiteri
10.08.07	Arloġġ	Mary Grace Cassar
31.08.07	Kamera tar-ritratti	Dolores Willows and Giovanna Grech
31.08.07	Arloġġ ta' l-idejn	Aldo Leone Ganado
07.09.07	Kartiera/flus	Ġorġ Camilleri
14.09.07	*Mobile phone*	Jason Spiteri
14.09.07	Nuċċali tal-vista bil-*pocket*	Jonathan Caruana
14.09.07	Nuċċali tax-xemx	Rita Bugeja
20.09.07	Ċurkett	Mario Debono
28.09.07	Arloġġ ta' l-idejn	SM 1373 John Micallef
28.09.07	*Mobile phone*	Jason Manuel Briffa
28.09.07	Kartiera/flus	Herman Mifsud

OĠĠETTI MISJUBA U KKONSENJATI LILL-PULIZIJA

Din li ġejja hija lista ta' oġġetti misjuba u kkonsenjati lill-Pulizija f'Malta u Għawdex skond l-artikolu 564 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16.

Uffiċċju Prinċipali tal-Pulizija
Il-Furjana.

John Rizzo
Kummissarju tal-Pulizija.

Lista ta' oġġetti misjuba u kkonsenjati lill-Pulizija f'Malta u Għawdex matul il-perjodu Ottubru, Novembru u Diċembru 2007.

DATA	DESKRIZZJONI TA' L-OĠĠETTI	ISEM TA' MIN SAB L-OĠĠETTI
05.10.07	Ġiżirana	Andrè Stephan Audac
05.10.07	Kamera tar-ritratti	David Walker
05.10.07	Kartiera/flus	Glenys Janes
05.10.07	Brazzuletta	Carmel Muscat
05.10.07	*Hand bag*/ċwievet/kosmetiċi	Karmenu Mifsud
12.10.07	Arloġġ ta' l-idejn	Mary Josephine Musu
12.10.07	Basket b'oġġetti ta' l-għawm	G. Fenech
12.10.07	Kamera tar-ritratti	John Burnard Loughead
26.10.07	Kartiera/*Cards* tal-Bank/Flus	Alan Redford
26.10.07	Karta ta' l-Identità	Claudia Borg
02.11.07	Nuċċali tal-vista	Henry Sultana
09.11.07	Karta ta' l-Identità	Raisa Sciberras
09.11.07	*Mobile phone*	Anthony Licari
09.11.07	*Mobile phone*	Sister Bernice Veronica Borg
16.11.07	Kamera tar-ritratti	Maria Rosaria Boldarini
16.11.07	Kamera tar-ritratti	Maria Agius
16.11.07	Kartiera/flus	Christine Zammit
16.11.07	Misluta	Marianne Fenech
16.11.07	Flus	Marina Vega Mario
16.11.07	*Cards* tal-Bank/kartiera/flus/dokumenti personali	Jesmar Galea
23.11.07	Basket b'xugaman/qomos/*wipes*/*blouses*/sigaretti/ nuċċali tax-xemx/*deodorant spray*/*sun block*/kamera tar-ritratti	Peter Saliba
23.11.07	Kartiera/flus	Francesca Chircop
30.11.07	*Mobile phone*	Walter Galea
07.12.07	Ċurkett	Mario Rotin
07.12.07	Flus	Maria Giuseppa Musù
07.12.07	Kamera tar-ritratti	Victor Fenech
28.12.07	Flus	Theresa Bonnici
28.12.07	*Pen drive*	Deborah Pace

DIVIŻJONI TA' L-EDUKAZZJONI

Ingaġġ ta' Skrivani *Part-Time* fi Skejjel Statali

Id-Direttur Ġenerali ta' l-Edukazzjoni tgħarraf li qed jilqa' applikazzjonijiet mingħand persuni interessati li jiġu impjegati bħala skrivani fuq bażi *part-time* biex iwettqu dmirijiet f'dawn l-iskejjel:

Junior Lyceum tal-Bniet Margaret Mortimer, Sta. Luċija
Johann Strauss School of Music, Valletta
Skola Primarja A Dun Mikiel Xerri, Ħaż-Żebbuġ

2. Il-ħlas ikun bir-rata ta' €4.64 (Lm1.99) għal kull siegħa maħduma (rata ta' l-2007). L-iskrivani *part-time* ikunu intitolati għall-*bonus* annwali u l-ħlas supplimentari ta' kull ġimgħa, it-tnejn fuq bażi *pro-rata* skond in-numru ta' siegħat maħduma.

3. L-ingaġġ ikun ta' natura għal kollox temporanja u jista' jiġi mitmum mill-Gvern jew mir-rappreżentant tiegħu jew inkella mill-istess skrivan *part-time,* f'kull żmien, billi jingħata avviż bil-miktub ġimgħa qabel, bla ma tingħata raġuni. L-ingaġġ ikun sospiż xorta waħda għal matul il-vaganzi ta' l-iskola tas-Sajf jew inkella matul parti minnhom.

4. Il-kandidati li jintgħażlu huma mistennija li jaħdmu bejn l-20 u l-25 siegħa fil-ġimgħa, normalment ħames sigħat kull ġurnata, fil-ħinijiet ta' l-iskola.

5. Permezz taċ-Ċirkulari MPO Nru. 107/2007 u l-Avviż Legali 46/2007, il-*Part-time Clerks* għandhom ikunu stmati skond l-Avviż Legali 427/2002. Barra minn hekk, il-kundizzjonijiet tas-Servizz li japplikaw għal uffiċjali pubbliċi *full-time* kif indikat fil-Public Service Managmenet Code japplikaw *pro-rata* għall-*Part-time Clerks*.

6. Il-kandidati għandhom:-

(a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

jew

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

jew

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-EU dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-EU);

jew

EDUCATION DIVISION

Engagement of Part-Time Clerks in State Schools

The Director General Education Division invites applications for the engagement of clerks on a part-time basis to perform duties in the following Schools:

Margaret Mortimer Girls' Junior Lyceum, St Luċija
Johann Strauss School of Music, Valletta
Dun Mikiel Xerri Primary School A, Żebbuġ

2. Remuneration will be at the rate of €4.64 (Lm1.99) for every hour worked (2007 rate). Part-time clerks will also be entitled to the annual bonus and the weekly income supplement both on a pro-rata basis according to the number of hours worked.

3. The engagement will be of an entirely temporary nature and may be terminated by the Government or his lawful representative, or by the part-time clerk at any time, by giving a week's notice in writing without specifying any reason therefore. The engagement will however be suspended for the whole or part thereof, of the School Summer holidays.

4. Selected candidates will be expected to work between 20 and 25 hours a week, normally 5 hours a day, during school hours.

5. By virtue of MPO Circular 107/2007 and Legal Notice 46/2007, Part-time Clerks are entitled to be treated as per Legal Notice 427/2002. Moreover all the conditions of service applicable to whole time public officers in the Public Service Management Code also apply to them on a pro-rata basis.

6. Candidates must:-

(a) (i) be citizens of Malta;

or

(ii) citizens of another European Union Member State;

or

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

or

(iv) il-kunjugi u tfal, anke jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġislazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u Expatriates, Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern;

Il-ħatra ta' kandidati msemmija (ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija suġġetta għall-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

(b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija;

(ċ) (i) ikollhom ċertifikat tal-*GCE*/Matrikola/*SEC*/*Matsec* (1-5) li juru *"passes"* fil-Livell Ordinarju fil-Malti, Lingwa Ingliża u l-Matematika u f'żewġ suġġetti oħra jew kwalifiki komparabbli.

JEW

(ii) jipprovdu evidenza li turi li huma kellhom impieg regolari mal-Gvern ta' Malta fi grad ta' mhux inqas minn skrivan.

(d) ikollhom *'passes'* f'*Modules* 2,3,4 ta' l-ECDL;

JEW

(e) ikunu ta' karattru morali tajjeb (ċertifikat tal-Pulizija dwar il-kondotta maħruġ fi żmien sitt xhur qabel id-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet, għandu jiġi mehmuż ma' l-applikazzjoni).

(g) (i) Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għall-post/pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-Management and Personnel Office.

(ii) Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lill-Kap ta' l-Iskola u tkun ikkupjata lill-KNPD.

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

(b) must have the ability to communicate in the Maltese Language;

(c) (i) be in possession of GCE/Matriculation/SEC/Matsec (1-5) certificates showing passes at ordinary level in Maltese, English Language and Mathematics and at least two other subjects or comparable qualifications;

OR

(ii) produce evidence that they had held a regular employment with the Malta Government not below the grade of clerk;

(d) be in possession of passes in Modules 2,3,4 of the ECDL;

OR

(e) be of good moral character (a Police certificate of conduct issued within 6 months prior to the closing date of applications should be provided);

(g) (i) Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office.

(ii) Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Head of School and copied to the NCPD.

7. Il-kwalifiki u l-esperjenza jeħtieġ li jkunu kkonfermati minn ċertifikati u/jew dikjarazzjonijiet. (Fotokopji għandhom jiġu mehmuża ma' l-applikazzjoni). L-oriġinali ta' kull dokument għandu jiġi sottomess għall-verifikazzjoni fil-ħin ta' l-intervista.

8. L-applikanti li jiġu kkonfermati jkollhom il-*passes* f'*Modules* 2,3,4 tal-ECDL, indikati f'paragrafu 6 d(i) hawn fuq, ikunu intervistati minn Bord ta' Għażla biex jiġi stabbilit kemm huma adatti għall-post ta' skrivan *part-time*.

9. Ir-riżultat u l-ordni tal-meritu finali ma jibqgħux validi wara sentejn mid-data tal-pubblikazzjoni tar-riżultat finali.

10. Il-post vakanti u kull vakanza oħra li tinħoloq fl-istess skola timtelà skond l-ordni tal-mertu finali li tkun ġiet stabbilita wara l-intervista.

11. Il-kandidati magħżula jsirilhom eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatti għall-post.

12. (a) Applikazzjonijiet fuq il-formola preskritta, u li jistgħu jinġabru mill-Uffiċċju tal-Kap ta' l-Iskola li għaliha tkun se issir l-applikazzjoni, jintlaqgħu mill-istess Kap ta' l-Iskola sa mhux aktar tard minn nofsinhar tal-Ġimgħa, il-25 ta' Jannar 2008.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta sad-data ta' l-għeluq għall-applikazzjonijiet, permezz tal-*fax* jew inkella permezz ta' messaġġ ieħor simili jiġu kkunsidrati sakemm dawn ikollhom id-dettalji kollha mitluba. L-applikazzjoni formali bil-firma ta' l-applikant trid tasal sa mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq flimkien ma' spjegazzjoni dwar id-dewmien.

13. (a) L-applikazzjonijiet imwassla bl-idejn jingħataw irċevuta mill-Kap ta' l-Iskola dak il-ħin stess.

(b) Applikazzjonijiet bil-posta għandhom jintbagħtu rreġistrati fi żmien tajjeb biex jaslu qabel id-data u l-ħin ta' l-għeluq. L-applikazzjonijiet jingħataw irċevuta bil-miktub mill-Kap ta' l-Iskola fi żmien sebat ijiem.

14. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

It-8 ta' Jannar, 2008

7. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications; originals to be produced for verification at the interview stage).

8. Eligible applicants who are confirmed to be in possession of the required passes in modules 2,3 and 4 of the ECDL Certificate indicated in paragraph 6d(i) above, will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post of part-time clerk.

9. The validity of the final order of merit put up for each school will expire after two years from the publication of the final result.

10. The vacant Post and any subsequent vacancy arising in each particular school will be filled in accordance with the final order of merit put up after the interview.

11. Successful candidate/s selected to fill the vacant post/s will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

12. (a) Applications on the prescribed form which are available from the Office of the Head of School for which the application is intended, will be received by the same Head of School by not later than noon of Friday, 25th January 2008.

(b) Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the school by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay.

13. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Head of School and a receipt will be given at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Head of School, within seven days.

14. Late applications will not be considered.

8th January, 2008

DIVIŻJONI TAS-SAĦĦA

Lista ta' offerti Dipartimentali mogħtija mid-Diviżjoni tas-Saħħa matul il-perijodu bejn l-1 ta' Lulju u l-31 ta' Diċembru 2007.

SECTION: Projects

Provvisti/Servizzi *Supplies/Services*	Kuntratturi *Contractors*
Temperature controlled hot air sealing tool	Technoline Ltd
Construction of a public health clinic at Żurrieq	Astra Ltd
Supply, installation and commissioning of a generator set	Lexcorp International Ltd
Ultrasonic cleaner	Krypton Chemists Ltd
Analytical balance	Cherubino Ltd
Analogue telephones	Comsec Ltd
NIBP/SPO_2 monitors	TrioMed Ltd
Portable defibrillator/external pacemaker/ECG monitor	Pharma-Cos Ltd
Portable ventilator	Charles de Giorgio Ltd
Supply, installation and commissioning of a Central UPS System at the Public Health Lab	Lexcorp International Ltd
Centrifuge	Cherubino Ltd
Aluminium container lifters	Vernon-Carus (Malta) Ltd
Peripheral nerve stimulator and locator	Pharma-Cos Ltd
Table top x-ray film processors	Attard & Co Imaging Ltd
Fluorescent microscope	Evolve Ltd
Ventilation system	Titan International
Ventilation system	Titan International
Ventilation system	Titan International
Ventilation system	Titan International
Ventilation system	Bezzina Bros Ltd
Finishing works at the Public Health Clinic at Żurrieq	Winmer Ltd
Ambulatory PCA infusion pumps	Associated Equipment Ltd
Stereo microscope	Scientech Ltd

SECTION: Supplies

Provvisti/Servizzi *Supplies/Services*	Kuntratturi *Contractors*
Emergency repair service for HVAC machinery	Medairco Ltd
Collection and transport of clinical waste from all Health Centres	Mr Joseph Micallef
Petrol driven cars	U.C.I.M. Co Ltd
Cardboard wallets	Ragonesi & Co Ltd
Adult disposable nappies	Krypton Chemists Ltd
Supporting tights	Snuggles Ltd
Delivery and set up of 2 abilis link units	Tech Zone
Enzymatic foam spray for CSSD	E J Busuttil Ltd
Migration transport services	Paramount Garages
Uniforms for paramedics	Mr Mario Farrugia
Cardigans for paramedics	Mr Mario Farrugia
Barley meal	Mr Anthony Axisa
Magnetic resonance imaging services	St James Hospital
Conveyance of deceased paupers	Motor Hearses Association

HEALTH DIVISION

List of Departimental tenders awarded by the Health Division during the period between 1st July and 31st December 2007.

Disposable plastic tumblers	KC Trading Ltd
Barcode labels and thermal ribbons	Universal Import & Export Ltd
Sale of lead	DDE Attard Ltd
Flour	Federated Mills Ltd
Corned beef	Paolo Bonnici Ltd
Gammon	Link Operations Ltd
Water treatment chemical	Panta Marketing & Services Ltd
Food handlers cards and database	Intercomp Ltd
Rice	Angelo Xerri Ltd
Biscuits	Strand Palace Agencies Ltd
Confectionery items	Strand Palace Agencies Ltd
General groceries - black olives	Angelo Xerri Ltd
General groceries - green olives	Borg & Aquilina Ltd
General groceries - custard powder	Strand Palace Agencies Ltd
Pulses	Vernon's Food Mfg & Trading Ltd
Pulses	Angelo Xerri Ltd
Tea bags	Borg & Aquilina Ltd
Sugar	Borg & Aquilina Ltd
Potato in powder form	PJ Sutters (Mktg) Ltd
Frozen beef liver	Valhmor Borg Imp/Exp Ltd
Coffee	Borg & Aquilina Ltd
Salt	Marine Developments Ltd
Multicell wipes	Vernon-Carus (Malta) Ltd
Plastic cable ties	Indistrea Ltd
Jelly	Strand Palace Agencies Ltd
Spiral computerized tomography	St James Hospital
Lamb	Valhmor Borg Import/Export Ltd
Lamb	Francis Busuttil & Sons Ltd
Wheelchairs	Interpower Ltd
Tuna	Paolo Bonnici Ltd
Frozen sausages	Valhmor Borg Import/Export Ltd
Fancy paste (Pasta)	Paolo Bonnici Ltd
Disposable razors	Mill Masters Ltd
Disposable cutlery	KC Trading Ltd
Tomato paste (tins of 2200 grms)	Angelo Xerri Ltd
Tomato paste (tins of 410 grms)	Vernon's Food Mfg. & Trading Ltd
Powdered soups	P J Sutters Mktg Ltd
Breakfast set - bowls and trays	Shamrock General Trading
Breakfast set - disposable cups	Di Rocco Ltd
Double adjustable elbow crutches	Firststar Healthcare Ltd
Alkaline batteries	Ignazio Anastasi Ltd
Alkaline batteries	MB Distribution Ltd
Cleaning services at Birkirkara Health Centre	Floorpul Ltd
Cleaning services at Cospicua Health Centre	Floorpul Ltd
Cleaning services at Floriana Health Centre	Floorpul Ltd
Cleaning services at Gżira Health Centre	Floorpul Ltd
Cleaning services at Mosta Health Centre	Floorpul Ltd
Cleaning services at Paola Health Centre	Floorpul Ltd
Cleaning services at Qormi Health Centre	Floorpul Ltd
Cleaning services at Rabat Health Centre	Floorpul Ltd
Cleaning services at Public Health Lab	Clentec Cleaning Services Ltd
Cleaning services at Speech Language, Ambulance Garage, Offices of DNS and Sir Paul Boffa Hospital	Clentec Cleaning Services Ltd
Cleaning services at National Blood Transfusion Centre and Mobile Blood Donation Unit	Floorpul Ltd
Squashes - Light - Orzata	

The Application Number 621/2006 FS, in the names Aquilina David Reuben et vs Doctor of Medicine Vincent Raimondo et, has been put off in order that Notary Dr. Carmel Gafà be notified, to the 16th January 2008, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 4th January 2008.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

34

Ikun jaf kulħadd illi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, permezz ta' digriet mogħti fl-4 ta' Ottubru 2007, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat Nru 670/07 RCP, fl-ismijiet Mary Ciantar (Karta ta' l-Identità Nru 509242M) vs Ladislao Giuseppe u Claire, konjugi Micolucci (Karta ta' l-Identità Nru 10925A u 278474M rispettivament) u binthom Sonia Micolucci (Karta ta' l-Identità Taljana Nru AH2872006) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimati, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Mary Ciantar (bil-Karta ta' l-Identità Nru 509242M) vs Ladislao Giuseppe et, fl-20 ta' Ġunju 2007, ir-rikorrenti Mary Ciantar esponiet bir-rispett u talbet l-intimati jgħidu għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1.taqta' u tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ a tenur ta' l-Artikolu 167 et seq. tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

2.tiddikjara illi l-intimati għandhom jagħtu lir-rikorrenti s-somma ta' €14,028.65 (Lm6,022.50) rappreżentanti l-ħlas minnhom dovut għal erba' skadenzi ta' kera, fir-rigward tal-ħanut bin-numru 33, fi Triq iż-Żagħfran, Ħ'Attard, minnhom mikri mingħand ir-rikorrenti;

3. tikkundanna lill-intimati sabiex iħallsu lir-rikorrenti s-somma ta' €14,028.65 (Lm6,022.50)

Bl-ispejjeż, kollha u bl-imgħax legali mid-data ta' kull skadenza sad-data tal-ħlas effettiv, kontra l-intimati minn issa inġunti għas-subizzjoni.

Lista tax-xhieda.

Elenku tad-Dokumenti.

Ir-Rikors Nru 670/2007 RCP, fl-ismijiet Ciantar Mary vs Micolucci Ladislao Giuseppet et, jinsab differit għall-10 ta' Jannar 2008, fl-10.00 a.m., b'dan li l-kawża tibqa' bil-proċedura tal-Giljottina.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 3 ta' Jannar 2008.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified, that the Civil Court First Hall, by means of a decree given on the 4th October 2007, in the records of the Sworn Application No. 670/07 RCP, in the names Mary Ciantar (Identity Card No. 509242M) vs Ladislao Giuseppe u Claire spouses Micolucci (Identity Card No. 10925A) and 278474M respectively) and their daughter Sonia Micolucci (Italian Identity Card No. AH 2872006) ordered the following publication for the purpose of service of the respondents, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a Sworn Application filed in the First Hall Civil Court, in the names Mary Ciantar (Identity Card No. 509242M) vs Ladislao Giuseppe et, on the 20th June 2007, the applicant Mary Ciantar, pleaded with respect and asked the respondents to state why this Honourable Court should not:

1. decide this case without proceeding to a hearing in terms of Article 167 et seq. of Cap. 12 of the Laws of Malta.

2. declare that the respondents owe the applicant the sum of €14,028.65 (Lm6,022.50) representing payment due by them for four instalments of rent, as regards the shop number 33, in Zagħfran Street, Attard, leased by them from the applicants.

3. condemn the respondents to pay the applicants the sum of €14,028.65 (Lm6,022.50).

With all costs and legal interest from the date of each instalment till the date of effective payment, against the respondents, from now summoned so that a reference to their evidence be made.

List of Witnesses.

List of Documents.

The Application No. 670/2007 RCP, in the names Ciantar Mary vs Micolucci Ladislao Giuseppet et, has been put off to the 10th January 2008, at 10.00 a.m., but the case shall be proceeded with, by Special Summary Proceedings.

Registry of the Superior Courts, today 3rd January 2008.

ADV. DR. FRANK PORTELLI., LLD.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

35

Ikun jaf kulħadd, illi l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, permezz ta' digriet mogħti fit-30 ta' Ottubru 2007, fl-atti tar-Rikors Numru 840/07 FS, fl-ismijiet Avukat Dottor Luigi A. Sansone, LL.B. Hons LL.D. detentur tal-karta ta' l-Identità numru 258269 ittra 'M' bħala mandatarju speċjali tas-soċjetà estera Societé des Produits Nestlé S.A. ta' Vevey, l-Isvizzera vs. R. B. Trading Ltd (C 30616) ta' 62/5, Amery Street, Sliema, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tas-soċjetà konvenuta, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Avukat Dottor Luigi A. Sansone, LL.B. Hons LL.D. noe vs R. B. Trading Ltd (C 30616) ta' 62/5, Amery Street, Sliema, fis-6 ta' Ġunju 2007, l-Avukat Dottor Luigi A. Sansone, LL.B. (Hons) LL.D. noe, espona bir-rispett u talab lil din il-Qorti:

1. Iddikjara li l-aġir minn naħa tas-soċjetà konvenuta konsistenti fit-tqegħid fis-suq ta' oġġetti importati f'Malta minn Dubai fl-Emirati Arabi Uniti u cioè minn barra l-Arja Ekonomika Ewropeja (EEA), liema oġġetti jikkonsistu f'vażetti ta' instant coffee li fihom it-trademarks tas-soċjetà attriċi mingħajr il-kunsens tagħha, jikkostitwixxi kontravenzjoni tat-trademarks tas-soċjetà attriċi rreġistrati f'Malta bin-numri …omissis... rispettivament.

Bl-ispejjeż, ...omissis… kontra s-soċjetà konvenuta, li tibqa' minn issa inġunta għas-subizzjoni tagħha.

Lista ta' xhieda.

Elenku ta' Dokumenti.

Notifika Soċjetà Konvenuta: R. B. Trading Ltd (C 30616) - 62/5, Amery Street, Sliema.

Ir-Rikors Nru 840/2007 FS, Sansone Av. Dott. Luigi A. Noe vs R. B. Trading Ltd jinsab differit għas-16 ta' Jannar 2008, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 4 ta' Jannar 2008.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified, that the First Hall Civil Court, by means of a decree given on the 30th October 2007, in the records of the Application Number 840/07 FS, in the names Advocate Dr Luigi A. Sansone, LL.B. Hons LL.D. holder of identity card number 258269 letter 'M' as special mandatary of the foreign company Society of Nestlé Products S.A. of Vevey, Switzerland vs R. B. Trading Ltd (C 30616) of 62/5, Amery Street, Sliema, ordered the following publication for the purpose of service of the defendant company, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a Sworn Application filed in the First Hall of the Civil Court, in the names Advocate Dr Luigi A. Sansone LL.B. Hons LLD noe vs R. B. Trading Ltd (C 30616) of 62/5, Amery Street, Sliema, on the 6th June 2007, Advocate Dr Luigi A. Sansone, LL.B. (Hons) LL.D. noe, pleaded with respect, and asked this Court:

1. To declare that the action of the defendant company consisting in the putting on the market of objects imported in Malta from Dubai in United Arab Emirates and that is from outside the European Economic Community (EEA), which objects consist in jars of instant coffee which have the trademarks of the plaintiff company, without its consent, constitute a contravention of the trademarks of the plaintiff company registered in Malta with the numbers…omissis… respectively.

With costs….omissis….against the defendant com`pany, which is summoned so that a reference to its evidence be made.

List of Witnesses.

List of Documents.

Notify Defendant Company: R. B. Trading Ltd (C 30616) - 62/5, Amery Street, Sliema.

The Application Number 840/2007 FS, Sansone Avv. Dott. Luigi A. Noe vs R. B. Trading Ltd, has been put off to the 16th January 2008, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 4th January 2008.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

36

B'dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja) fid-29 ta' Ottubru 2007, minn Maria Dolores Ciappara, mart John Ciappara, rikors numru 685/2007, fejn talbet li tiġi ddikjarata miftuħa favur tagħha u ta' ħutha Frans Vella, Anthony Vella u Anna Camilleri, ulied il-mejta Catarina Vella, favur Mary Gauci, Joe Caruana, Lorry Caruana, Martin Caruana, Charles Caruana, Rita Caruana u Annie Caruana, ilkoll ulied il-mejjet Carmelo Caruana; u favur Joe Buhagiar u Katy Camilleri, ulied il-mejta Ġużeppa Buhagiar; favur Mary Sammut bint il-mejtin Gracy magħrufa bħala Grace Vella, u dan fi kwota ta' parti waħda minn erbatax il-parti (1/14) kull wieħed u waħda minnhom is-SUĊĊESSJONI ta' Antonia Caruana, xebba, bint il-mejtin Giuseppe Caruana u Lorenza Caruana neé Zerafa, imwielda Żabbar, u mietet Pietà fl-24 ta' Mejju 2007, ta' 85 sena u li kellha karta ta' l-identità numru 0156122M, mingħajr testament u għalhekk ġie ordnat il-ħruġ ta' dan il-bandu biex jiġi mgħarraf min kellu x'jaqsam fih.

Kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex b'nota jagħmel l-oppożizzjoni tiegħu a tenur ta' l-Artikolu 537 (1) et seq. tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Civili (Kap. 12).

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) illum 7 ta' Jannar 2008.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by means of an application filed in the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) on the 29th October 2007, by Maria Dolores Ciappara, wife of John Ciappara, application number 685/2007, whereby she asked that it be declared open in her favour and of her brothers and sisters Frans Vella, Anthony Vella and Anna Camilleri, children of the late Caterina Vella, in favour of Mary Gauci, Joe Caruana, Lorry Caruana, Martin Caruana, Charles Caruana, Rita Caruana, and Annie Caruana, all children of the late Carmelo Caruana, and in favour of Joe Buhagiar and Katy Camilleri, children of the late Ġużeppa Buhagiar; in favour of Mary Sammut daughter of the late Gracy known as Grace Vella and this in the quota of one-fourteenth (1/14) in favour of each one of them, the SUCCESSION of Antonia Caruana, unmarried, daughter of the late Giuseppe Caruana and Lorenza Caruana neé Zerafa, born in Żabbar and died in Pietà, on the 24th May 2007, intestate, aged 85, and who had identity card number 0156122M, and thus the issuing of the bann was ordered so that any interested party be notified.

Thus whoever considers that he has an interest is called so that by means of a note he enters his opposition according to Article 537(1) et seq. of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12).

Registry of the Civil Courts (Voluntary Jurisdiction Section) today 7th January 2008.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

37

B'digriet mogħti mill-QORTI CIVILI, PRIM AWLA fit-12 ta' Ottubru, 2007 fuq rikors ta' KUMMISSARJU TAL-VAT ġie ffissat il-jum tat-Tnejn, l-14 ta' Jannar, 2008 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tat-12 ta' Ottubru, 2007 li għandu jsir f' 149, TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA ta' l-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand FALZON VICTOR.

1. Mejda, skrivanija, salott, coffee table, television tal-kulur, Hi Fi system u ħafna affarijiet oħra.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tnejn, 7 ta' Jannar, 2008.

MICHAEL PORTELLI
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 12th October, 2007 on the application of KUMMISSARJU TAL-VAT, Monday, 14th January, 2008 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 12th October, 2007 to be held at 149, TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA of the following items seized from the property of FALZON VICTOR.

1. Table, desk, sitting room suite, coffee table, colour television, Hi Fi system and many other items.

Registry of the Superior Courts, this Monday, 7th January, 2008.

MICHAEL PORTELLI
For the Registrar of Civil Courts and Tribunals

38

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-8 ta' Novembru 2007, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Attard & Co (Foodstuffs) Limited – C25937 ta' Canter House, Triq P Felicjan Bilocca, Marsa, ippreżentaw Talba fit-30 ta' Ottubru 2006, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Lante Co Limited ta' Dion Court, 9, Birkirkara Road, St Julians, sabiex tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €2,583.34 (Lm1,109.03) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (948/06RFA) hija differita għall-11 ta' Jannar 2008 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 7 ta' Jannar 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 8th November 2007 the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Attard & Co (Foodstuffs) Limited – C25937 of Canter House, Triq P. Felicjan Bilocca, Marsa, filed a Claim on the 30th October 2006 whereby they asked the Tribunal to condemn Lante Co Limited of Dion Court, 9 Birkirkara Road, St Julians, to pay the plaintiff company the sum of €2,583.34 (Lm1,109.03) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 948/06RFA) is put off on the 11th January 2008 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 7th January 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

39

Ikun jaf kulħadd, illi l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, permezz ta' digriet mogħti fil-31 ta' Ottubru 2007, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat, numru 1026/07 FS, fl-ismijiet Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited vs MCRM Caterers Limited, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tas-soċjetà konvenuta, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited (C 8692) vs MCRM Caterers Limited (C 24401) u Mario Scerri (ID 136958M), fit-2 ta' Ottubru 2007, is-soċjetà rikorrenti, talbet l-intimati, jgħidu għaliex għar-raġunijiet premessi din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tiddikjarahom debituri solidali tas-soċjetà rikorrenti fis-somma ta' €38,042.30 (Lm16,331.56).

2. Tikkundanna lill-istess intimati sabiex iħallsu flimkien u solidalment bejniethom lis-soċjetà rikorrenti, l-imsemmija somma ta' €38,042.30 (Lm16,331.56).

3. Tiddeċiedi dan ir-rikors bid-dispensa tat-trattazzjoni a bażi ta' l-artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-interessi legali, mid-data tal-konsenja u bl-ispejjeż, ...omissis… kontra l-intimati li huma minn issa inġunti għas-subizzjoni.

It is hereby notified, that the First Hall Civil Court, by means of a decree given on the 31st October 2007, in the records of the Sworn Application number 1026/07 FS, in the names Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited vs MCRM Caterers Limited, ordered the following publication, for the purpose of service of the defendant company, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a Sworn Application, filed, in the First Hall Civil Court, in the names Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited (C 8692) vs MCRM Caterers Limited (C 24401) and Mario Scerri (ID 136958M) on the 2nd October 2007, the applicant company asked the respondents, to state why for the reasons premised this Court should not:

1. Declare them debtors in solidum of the applicant company in the sum of €38,042.30 (Lm16,331.56).

2. Condemn the same respondents to pay together and in solidum between them to the applicant company, the said sum of €38,042.30 (Lm16,331.56).

3. Decide this application without proceeding to a hearing in terms of article 167 of Chapter 12 of the Laws of Malta.

With legal interests, from the date of delivery and with costs, …omissis… against the respondents, who are from now summoned so that a reference to their evidence be made.

Dikjarazzjoni tas-soċjetà rikorrenti …omissis…

Lista ta' xhieda.

Notifika: Arnolds Supermarket, St. Paul's Street, Naxxar.

Ir-Rikors Numru 1026/2007 FS, fl-ismijiet Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited vs MCRM Caterers Limited, ġie differit għall-pubblikazzjoni, għas-16 ta' Jannar 2008, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 7 ta' Jannar 2008.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Declaration of the applicant company…omissis…

List of Witnesses.

Notify: Arnolds Supermarket, St. Paul's Street, Naxxar.

The Application Number 1026/2007 FS, in the names Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited vs MCRM Caterers Limited, was put off for publication, to the 16th January 2008, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 7th January 2008.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

40

Ikun jaf kulħadd, illi l-Qorti Ċivili Prim Awla, permezz ta' digriet mogħti fis-26 ta' Novembru 2007, fl-atti tar-Rikors numru 1065/07 GV, fl-ismijiet Brincat Carmelo et vs Caruana Mario et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimati, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Carmelo u Josephine konjugi Brincat vs Mario u Rita konjugi Caruana, fil-15 ta' Ottubru 2007, ir-rikorrenti Carmelo u Josephine konjugi Brincat, esponew bir-rispett u talbu l-konvenuti, jgħidu għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex;

1.Taqta' u tiddeċiedi dan ir-rikors ġuramentat bid-dispensa tas-smigħ a tenur ta' l-Artikolu 167 et. sequitur (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta).

2. Tiddikjara illi l-konvenuti qed jiddetjenu l-fond enumerat '33', Għamira House, Triq Sant Edwardu, Birżebbuġa, mingħajr ebda titolu validu fil-Liġi.

3. Tikkundanna lill-istess konvenuti sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilhom prefiss, jiżgombraw mill-fond imsemmi…omissis… u jħalluh liberu u battal favur l-atturi.

Bl-ispejjeż …omissis… u b'riżerva ta' kull azzjoni għad-danni spettanti lill-atturi, kontra l-konvenuti inġunti għas-subizzjoni.

Lista ta' xhieda.

Elenku tad-Dokumenti.

It is hereby notified, that the First Hall Civil Court, by means of a decree given on the 26th November 2007, in the records of the Application number 1065/07 GV, in the names Brincat Carmelo et vs Caruana Mario et, ordered the following publication for the purpose of service of the respondents, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of an Application, filed, in the First Hall Civil Court, in the names Carmelo and Josephine spouses Brincat vs Mario and Rita spouses Caruana, on the 15th October 2007, the applicant Carmelo and Josephine spouses Brincat, pleaded with respect and asked the defendants to state, why this Honourable Court should not:

1. Decide this sworn application without proceeding to a hearing in terms of Article 167 et. sequitur (Chapter 12 of the Laws of Malta).

2. Declare that the defendants are holding the premises numbered '33', Għamira House, Saint Edward Street, Birżebbugia, without a valid title at Law.

3. Condemn the same defendants so that within a short and peremptory period that shall be fixed to them they vacate the said premises …omissis… and leave it free and unencumbered in favour of the plaintiffs.

With costs … omissis.., and saving any action for damages due to the plaintiffs, against the defendants, summoned so that a reference to their evidence be made.

List of witnesses.

List of Documents.

Notifika konvenuti: 33, Għamira House, St. Edward's Street, Birżebbuġa.

Ir-Rikors Numru 1065/07 GV, fl-ismijiet Brincat Carmelo et vs Caruana Mario et, jinsab differit, għas-16 ta' Jannar 2008, fid-9.15 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 7 ta' Jannar 2008.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Notify defendants: 33, Għamira House, St. Edward's Street, Birżebbugia.

The Application Number 1065/07 GV, in the names Brincat Carmelo et vs Caruana Mario et, has been put off to the 16th January 2008, at 9.15 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 7th January 2008.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

41

Ikun jaf kulħadd illi permezz ta' digriet tat-Tribunal tat-Talbiet Żgħar mogħti fit-28 ta' Settembru 2007 ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' Avviż ta' kawża maħruġ mir-Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) il-kawża Avviż Numru 527/05RFA fl-ismijiet Euroweb Limited u b'digriet tat-30 ta' Novembru 2007 l-isem tas-soċjetà attriċi ġie mibdul għal Nextweb Ltd vs Alliance Malta Ltd, li kienet ġiet mibgħuta Sine Die fis-27 ta' Novembru 2006 ġiet imqiegħda għas-smigħ għat-23 ta' Jannar 2008 fin-12.30 p.m. quddiem il-Ġudikatur Dr Raphael Fenech Adami.

Notifika Alliance Malta Ltd – 35, Zachary Street, Valletta.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 7 ta' Jannar 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of the 28th September 2007, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of a Notice of a cause which was set down again for hearing issued by the Registry of the Courts of Magistrates (Malta) the cause Notice Number 527/05RFA, in the names Euroweb Limited and by a decree of the 30th November 2007 the name of the plaintiff company was changed to Nextweb Ltd vs Alliance Malta Ltd which has been Sine Die on 27th November 2007 was set down again for hearing on 23rd January 2008 at 12.30 p.m. before the Adjudicator Dr Raphael Fenech Adami.

For the purpose of sevice Alliance Malta Ltd – 35, Zachary Street, Valletta.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 7th January 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

42

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM AWLA fl-4 ta' Jannar, 2008 fuq rikors ta' BORG & AQUILINA LIMITED ġie ffissat il-jum ta' l-Erbgħa, 20 ta' Frar, 2008 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tal-4 ta' Jannar, 2008 li għandu jsir f'149, TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA, ta' l-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand JESMOND SANT ET.

1. Peugeot 306 bin-numru tar-reġistrazzjoni BBO 129. Ford Transit bin-numru tar-reġistrazzjoni CAC 238.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tnejn, 7 ta' Jannar, 2008.

MICHAEL PORTELLI
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 4th January, 2008 on the application of BORG & AQUILINA LIMITED, Wednesday, 20th February, 2008 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 4th January, 2008 to be held at 149, STRAIT STREET, VALLETTA, of the following items seized from the property of JESMOND SANT ET.

1. Peugeot 306 with registration number BBO 129. Ford Transit with registration number CAC 238.

Registry of the Superior Courts, this Monday, 7th January, 2008.

MICHAEL PORTELLI
For the Registrar of Civil Courts and Tribunals

43

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-13 ta' Novembru 2007, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma f'isimha proprju għan-nom ta' l-Enemalta ta' Triq Qormi, Luqa LQA 05, ippreżentaw Talba fil-20 ta' Jannar 2004, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Denise Ann Agius u b'digriet tat-23 ta' Ottubru 2006 ġie kjamat in kawża Martin Agius ta' 38, Mons D'Andria Street, Msida, sabiex iħallsu lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €2,053.13 (Lm881.41) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (119/04VGD) hija differita għat-18 ta' Jannar 2008 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 7 ta' Jannar 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 13th November 2007, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Water Services Corporation in its own name and for and on behalf of Enemalta of Triq Qormi, Luqa LQA 05 filed a Claim on the 20th January 2004 whereby they asked the Tribunal to condemn Denise Ann Agius and by a decree of the 23rd October 2006 Martin Agius was called into suit as third party of 38 Mons D'Andria Street, Msida, to pay the plaintiff company the sum of €2,053.13 (Lm881.41) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 119/04VGD) is put off on the 18th January 2008 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 7th January 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

44

Ikun jaf kulħadd illi permezz ta' digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) mogħti fil-10 ta' Diċembru 2007 ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' Avviż ta' kawża maħruġ mir-Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) il-kawża Avviż Numru 2375/97MM fl-ismijiet Link Projects Limited vs Konpet Ltd, li kienet ġiet mibgħuta Sine Die fis-16 ta' Novembru 2006 reġgħet tqiegħdet għas-smigħ għas-26 ta' Frar 2007 fid-9.00 a.m. quddiem il-Maġistrat Dr Michael Mallia, il-kawża ġiet sussegwentement differita għas-17 ta' Jannar 2008 fid-9.00 a.m.

Notifika:
Konpet Ltd – No. 2 Cortile di Maria, Tower Gate Street, Msida.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 7 ta' Jannar 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Court of Magistrates (Malta) of the 10th December 2007, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of a Notice of a cause which was set down again for hearing issued by the Registry of the Courts of Magistrates (Malta) the cause Notice Number 2375/97MM, in the names Link Projects Limited vs Konpet Ltd which has been Sine Die on 16th November 2006 was set down again for hearing on 26th February 2007 at 9.00 a.m. before the Magistrate Dr Michael Mallia and the case was subsequently adjorned for the 17th January 2007 at 9.00 a.m.

For the purpose of service:
Konpet Ltd - No. 2, Cortile di Maria, Tower Gate Street, Msida.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 7th January 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

45

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fil-14 ta' Diċembru 2007 ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Travellers Limited (C32317) ta' 5, Arcade Street, Sliema ppreżentaw Talba fit-18 ta' Ottubru 2006 fejn talbu lill-Qorti sabiex tikkundanna lil Jet Services Limited ta' Golden Wings, Capua Street, Sliema u b'digriet tad-9 ta' Mejju 2007 ġiet kjamata in kawża s-soċjetà John Abela Limited ta' Annie House, Giovanni Barbara Street, Ħamrun, sabiex iħallsu lis-soċjetà attrici s-somma ta' €5,936.64 (Lm2,548.60) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali.

Il-kawża (Avviz Nru 316/06MM) hija differita għad-29 ta' Jannar 2008 fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) illum 7 ta' Jannar 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Court of Magistrates (Malta) of the 14th December 2007, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Travellers Limited (C32317) of 5, Arcade Street, Sliema, filed a Claim on the 18th October 2006, whereby they asked the Court to condemn Jet Services Limited of Golden Wings, Capua Street Sliema and by a decree of the 9th May 2007 John Abela Limited was called into suit as third party of Annie House, Giovanni Barbara Street, Ħamrun, to pay the plaintiff company the sum of €5,936.64 (Lm2,548.60) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interest.

The case (Notice Number 316/06MM) is put off to the 29th January 2008 at 9.00 a.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 7th January 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

46

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM AWLA fis-7 ta' Novembru, 2007 fuq rikors ta' G.A. Investments Limited ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 6 ta' Marzu, 2008 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet ta' l-24 ta' Mejju, 2007 li għandu jsir fil-kuriduri tal-Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-repubblika, Valletta tal-fond hawn taħt deskritt.

1. Il-ġnien li kien parti iżda ġie mifrud mid-dar bl-isem "Mariana" u numerat mija tmienja u sebgħin (178), fi Triq il-Kbira, Ħal Balzan, tal-kejl superfiċjali ta' tmien mija u sebgħin (870) metru kwadru, u konfinanti mill-Majjistral ma' Triq R. Mifsud Bonnici, liberu u frank, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu stmat li jiswa €931,749.36 (Lm400,000).

2. Il-maisonette u l-garage fil-livell ta' basement sottopost għall-istess maisonette, it-tnejn mingħajr numru iżda bl-isem "El Shaddai", Triq Giovanni Balaguer, Ħal Balzan, kif soġġetti għal ċens annwu u perpetwu ta' €93.17 (erbgħin Lira Maltija Lm40), liberu u frank, bid-drittijiet u l-pertitnenzi kollha tiegħu, bl-arja relattiva tiegħu, stmati li jiswew €186,349.87 (Lm80,000) u €34,940.60 (Lm15,000) rispettivament.

Il-ġnien huwa propjetà ta' Venille Co. Ltd. (C17269) u l-maisonette u l-garage jappartjenu lil Neville (228369M) u Michelle (367671M) konjuġi Spiteri.

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 7th November, 2007 on the application of G.A. Investments Limited, Thursday, 6th March, 2008 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 24th May, 2007 to be held in the first floor of these Law Courts, Republic Street, Valletta of the following property.

1. Garden formerly part of the house named 'Mariana' and numbered one hundred seventy eight (178), in Main Street, Balzan, measuring approximately eight hundred seventy meters squared, confining from the North-West with R. Mifsud Bonnici Street, free and unencumbered, with all its rights and appurtenances, valued at €931,749.36 (Lm400,000).

2. Maisonette and garage at basement level underlying the same maisonette, both unnumbered but named 'El Shaddai', Giovanni Balaguer Street, Balzan, as subject to the annual and perpetual ground rent of €93.17 (fourty Maltese pounds Lm40), free and unencumbered, with all its rights and appurtenances, with its relative airspace, valued at €186,349.87 (Lm80,000) and €34,940.60 (Lm15,000) respectively.

The garden is the property of Venille Co. Ltd. (C17269) and the maisonette and garage belong to Neville (228369M) and Michelle (367671M) spouses Spiteri.

N.B. L-imsemmija propjetà tinbiegħ bħalma ġiet deskritta mill-AIC Conrad Thake fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fil-5 ta' Novembru, 2007.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum l-Erbgħa, 2 ta' Jannar, 2008.

ALAN K. ZERAFA, B.A. (HONS.), M.A.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

N.B. The said tenement will be sold as described in the report sworn by AIC Conrad Thake on 5th November 2007.

Registry of the Superior Courts, this Wednesday, 2nd January, 2008.

ALAN K. ZERAFA, B.A. (HONS.), M.A.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

47

B'digriet mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fit-22 ta' Novembru 2007 fuq rikors ta' Bank of Valletta p.l.c. ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 13 ta' Marzu 2008 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tas-27 ta' Marzu 2007 li għandu jsir fil-kuridur ta' dawn il-Qrati tal-fondi hawn taħt deskritt

1. Il-fond numru 28, li llum iġib l-isem 'Save and Smile Supermarket', fi Triq il-Pont, il-Mosta, kif soġġett għaċ-ċens annwu u temporanju ta' €1.13 (48c7) għaż-żmien rimanenti mill-perjodu oriġinali ta' 150 sena li bdew jiddekorru mit-8 ta' Settembru 1922, inkluża l-arja sovrastanti, stmat li jiswa €384,346.61 (Lm165,000).

2. Il-Mezzanin 'Our House' fi Triq il-Pont, Mosta, inkluża l-arja tiegħu, stmat li jiswa €191,008.62 (Lm82,000).

3. Iż-żewġt imħażen kontigwi bl-isem 'Donna Garage', fi Triq San Ġużepp, Mosta, eskluża l-arja tagħhom, stmat li jiswa €314,465.41 (Lm135,000).

L-imsemmija propjetà tappartjeni lil Jesmond (KI 17766M) u Rita (KI 151865) konjuġi Sant.

N.B. L-imsemmija propjetà tinbiegħ bħal ma ġiet deskritta mill-A.I.C Alan Saliba fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fis-16 ta' Awissu 2007.

N.B. Il-propjetà li ser tinbiegħ f'dan l-irkant tkun liberata b'kull offerta.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 3 ta' Jannar 2008.

ALAN K. ZERAFA, B.A. (HONS), M.A.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court First Hall on the 22nd November 2007 on the application of Bank of Valletta p.l.c. Thursday, 13th March 2008 from 9.00 a.m. to twelve noon has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 27th March 2007 to be held in the corridor of these Courts of the following properties.

1. Tenement no. 28, known as 'Save and Smile Supermarket', in Triq il-Pont, Mosta as subject to the annual and temporary ground rent of €1.13 (48c7) for the remaining period from 150 years commencing on 8th September 1922, including its airspace, valued at €384,346.61 (Lm165,000).

2. Maisonette 'Our House', Triq il-Pont, Mosta, including its airspace, valued at €191,008.62 (Lm82,000).

3. Two warehouses known as 'Donna Garage', Triq San Ġużepp, Mosta, excluding its airspace, valued at €314,465.41 (Lm135,000).

The said properties belong to Jesmond (ID 17766M) and Rita (ID 151865M) spouses Sant.

N.B The said tenements will be sold as described in the report sworn to by Alan Saliba, A&CE on the 16th August 2007.

N.B. The property sold in this auction will be adjudicated for any offer.

Registry of the Superior Courts, this 3rd January 2008.

ALAN K. ZERAFA, B.A. (HONS), M.A.
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

48

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM AWLA fil-15 ta' Novembru, 2007 fuq rikors ta' HSBC BANK MALTA PLC ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 4 ta' Marzu, 2008 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tal-15 ta' Mejju, 2006 li għandu jsir FIL-KURIDURI TAL-QRATI TAL-ĠUSTIZZJA, TRIQ IR-REPUBBLIKA, VALLETTA tal-fond hawn taħt deskritt.

Fond bl-isem 'Villa Madama', inkluż il-ġnien anness magħha fi Triq Idmejda, Balzan, b'entratura waħda mingħajr numru fi Triq Imdejda Balzan u entratura oħra uffiċjali numerata mija u sittin (160), Triq Birbal, Balzan, stmat li jiswa €885,161.89 (Lm380,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Venues Company Limited (C27160).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt mill-AIC David Pace fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fl-24 ta' Jannar, 2007.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum l-Erbgħa, 2 ta' Jannar, 2008.

ALAN K. ZERAFA, B.A. (HONS.), M.A.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 15th November, 2007 on the application of HSBC BANK MALTA PLC, Tuesday, 4th March, 2008 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 15th May, 2006 to be held in the first floor of these Law Courts, Republic Street, Valletta of the following property.

Tenement named 'Villa Madama', including the annexed garden in Imdejda Street, Balzan, with one unnumbered entrance from Imdejda Street, Balzan and another official one numbered one hundred sixty (160), in Birbal Street, Balzan, valued at €885,161.89 (Lm380,000).

The said tenement is the property of Venues Company Limited (C27160).

N.B. The said tenement will be sold as described in the report sworn by AIC David Pace on 24th January 2007.

Registry of the Superior Courts, this Wednesday, 2nd January, 2008.

ALAN K. ZERAFA, B.A. (HONS.), M.A.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

49

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM AWLA fid-9 ta' Novembru, 2007 fuq rikors ta' HSBC Bank Malta Plc ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 14 ta' Frar, 2008 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li għandu jsir FIL-KURITURI TAL-QRATI TAL-ĠUSTIZZJA, TRIQ IR-REPUBBLIKA, VALLETTA tal-propjetà hawn taħt deskritta.

Il-fond numru mitejn u ħamsa u ħamsin (255), Triq Sant' Orsola, Valletta, soġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' €6.79 (Lm2.91c3), kif okkupat in parte b'allegat titolu ta' kirja, stmat li jiswa Lm250,000 (€582,343.35).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Stephanie Grech (KI 439686M) bħala l-eredi universali tal-mejjet Michael Vella.

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt mill-AIC Andrew Ellul fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fit-23 ta' Mejju 2006.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 10 ta' Diċembru, 2007.

ALAN K. ZERAFA B.A. (HONS.), M.A.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 9th November, 2007 on the application of HSBC Bank Malta Plc, Thursday, 14th February, 2008 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION to be held in the first floor of these Law Courts, Republic Street, Valletta of the following property.

Tenement numbered two hundred fifty five (255), Saint Ursula Street, Valletta, subject to an annual and perpetual ground rent of €6.79 (Lm2.91c3), as partly occupied by an alleged rent title, valued at Lm250,000 (€582,343.35).

The said tenement is the property of Stephanie Grech (ID 439686M) as the universal heir of late Michael Vella.

N.B. The said tenement will be sold as described in the report sworn by AIC Andrew Ellul on 23rd May 2006.

Registry of the Superior Courts, this 10th December, 2007.

ALAN K. ZERAFA, B.A. (HONS.), M.A.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

L-ammonti bil-lira Maltija huma bbażati fuq ir-rata ta' €1=Lm0.429300 u huma għal użu ta' informazzjoni biss
Values displayed in Maltese lira are based on the rate of €1=Lm0.429300 and are for information purposes only

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*